MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 761/2009

**Avukat Dr Paul Micallef Grimaud (detentur tal-karta ta' identita numru 67579M) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' Franciza SARL Electric Auto Marine Service**

**vs**

**Il-Bastiment MY Nautonnier registrat gewwa Malta, bin-numru ufficjali 10226 u tunnellagg gross u nett ta' 79.94**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentatat mill-attur nomine fl-4 ta' Awissu, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrent nomine huwa kreditur tal-bastiment intimat fis-somma ta' sbatax-il elf u tmien mija u hamsin Ewro u disgha u disghin centezmu (€17,850.99), kif jirrizulta mill-annessi kopji tal-fatturi (Dok. A);

2. Illi l-kreditu tar-rikorrent nomine jirrigwarda servizzi provduti lill-bastiment intimat li huma necessarji ghall-operat ta' l-istess bastiment;
3. Illi l-kreditu tar-rikorrent nomine huwa cert, likwidu u dovut, u li izda, minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti ta' l-istess rikorrent nomine ghall-hlas lis-sidien registrati tal-bastiment, u cioe lill-Mast Holding tal-Bermuda, baqa' ma thallasx;

Talab li l-bastiment konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti nomine huwa kreditur tal-bastiment intimat fis-somma ta' sbatax-il elf u tmien mija u hamsin Ewro u disgha u disghin centezmu (€17,850.99);
2. Tordna lill-bastiment intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' sbatax-il elf u tmien mija u hamsin Ewro u disgha u disghin centezmu (€17,850.99), flimkien ma' l-interessi mid-data tal-fatturi relattivi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest tal-bastiment intimat numru 1099/09 kontra l-bastiment intimat;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat ir-risposta guramentata ta' Robert Patterson bhala resident agent ta' sidien registrati tal-bastiment M.Y. Nautonnier, li in forza taghha huwa eccepixxa :

Illi t-talbiet tal-attur noe ghandhom jigu michuda u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi preliminarjament s-socjeta attrici trid taghmel il-prova li l-Avukat Dr Paul Micallef Grimaud huwa l-mandatarju specjali taghha.

2. Illi huwa mhux il-legittimu kontradditur stante li fil-perjodu in kwistjoni l-bastiment ossia l-yacht kien carterjat lil terzi u cioe lis-socjeta estera Edmiston;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess l-esponenti ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici

stante li l-inkarigu u l-ftehim allegat mill-atturi qatt ma gie ffinalizzat u maghmul mill-konvenut intimat jew minn xi parsuna ghan-nom tieghu mal-attur noe tant li dak li allegatament gara sehh meta l-yacht kien carterjat lil kumpanija estera Edmiston u mhux meta kien fil-pussess tieghu.

4. Illi inoltre l-ammont huwa preskritt .

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-ammont mhux dovut kemm ghax huwa eccessiv u x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha.

6. Salvi risposti ulterjuri.

7. Illi huwa ma ghandux ibaghti spejjez.

Rat il-lista tax-xhieda ta’ Robert Patterson bhala resident agent ta’ sidien registrati tal-bastiment M.Y. Nautonnier;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat in-Noti ta’ Referenzi u ta’ Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Rat in-nota tal-konvenut illi permezz taghha irrinunzja ghall-hames eccezzjoni tieghu limitatament fejn ikkontenda illi l-ammont huwa eccessiv, izda zamm ferm il-parti ta’ l-istess eccezzjoni fejn ikkontenda illi x-xoghol ma sarx skond il-kwalita pattwita;

Ikkunsidrat :

Illi mix-xhieda ta’ Peter Buhagiar jirrizulta illi s-sidien registrati tal-bastiment Nautonnier huma Must Holding Bermuda Limited ta’ Round House, 4 Burnaby Street,

Hamilton, Bermuda. Dan ix-xhud qal illi hemm zewg mandati ta' arrest mahruga fuq il-bastiment imsemmi, l-ewwel mandat datat 2 ta' Lulju 2009 u t-tieni mandat datat 3 ta' Settembru 2009.

Illi xehed Patrick Mant, saleman mas-socjeta' attrici, u qal illi il-kaptan tal-bastiment Nautonnier kien talab is-servizzi tas-socjeta' attrici sabiex tissuplixxi lill-bastiment b''personal watercraft u water sports equipment' u dawn is-servizzi gew provduti lill-bastiment intimat sabiex il-bastiment ikun jista jintuza biex jigi 'chartered'. Is-socjeta' attrici ezegwiet ukoll xogholijiet ta' tiswija fl-imsemmi bastiment, issuplietu bi 'spare parts', krietlu diversi gettijiet u haznitlu wkoll xi 'jet skis' fix-xitwa u dan ghal diversi xhur. Huwa xehed illi sallum is-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand il-bastiment konvenut sbatax il-elf tmien mija u hamsin ewro u disgha u disghin centezmu (€17,850.99) u esebixxa l-'invoices' u l-'credit notes' relattivi.

Illi xehdet ukoll Christelle Plant, il-General Manager tas-socjeta' attrici, u qalet illi f'Mejju 2007 il-kaptan tal-bastiment MY Nautonnier ikkuntattja lis-socjeta' attrici u talabhom jigbru u issewwu 'Yamaha Superjet' u 'Sea Doo RX Personal Watercraft'. Huma spezzjonaw dawn il-bcejjec tal-bahar u hargu il-kwotazzjonijiet qabel ma bdew ix-xoghol. Inoltre il-kaptan talabhom sabiex jikrulhom 'jet skis' ohrajn illi wiehed minnhom ghereq waqt illi kien mikri lill-bastiment konvenut. Il-kaptan Gary Maxwell kien anke ordna minghand is-socjeta' attrici 'water sport equipment' illi kien ipprometta li jhallas f'cash, izda baqa ma hallasx. Is-Sur Robert Patterson kien ikkontesta parti mill-invoice, izda ma kienx ikkontesta l-invoice l-ohra li kienet tintbaghatlu mis-socjeta' attrici, izda minkejja li talbu ghall-pagament diversi drabi eventwalment il-kaptanTindall kien infurmahom illi l-bastiment kellu jitlaq minn Malta u ghalhekk huma kienu zammu is-'Sea Doo RX' appartenenti lill- bastiment MY Nautonnier bhala parti mill-pagament. Sussegwentement is-socjeta' attrici ippruvat diversi drabi tikkuntattja lis-Sur Patterson sabiex tithallas, izda saru jafu illi is-Sur Patterson baqa ma ghadda l-ebda flus lis-Sur Edward Woods sabiex ihallas u fit-3 ta'

Dicembru 2007 il-managing director kien ta struzzjonijiet sabiex tigi deditata il-'credit card' li kienet inghatat bhala garanzija u ghalhekk is-socjeta' attrici iddebitat is-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) fuq il-credit card: master card 5491 7560 0016 7736 u dawn id-dettalji tal-credit card kienu gew provduti lis-socjeta' attrici mill-kaptan Gary Maxwell. Izda fi Frar 2008, is-socjeta' attrici irceviet ittra mill-bank fis-sens illi id-dejn kien gie ikkontestat mill-card holder li kien talab lis-socjeta' attrici biex tipprovdi l-invoices. Il-Bank ghadda dawn l-invoices f'dik l-istess gurnata, izda peress illi l-card holder ma iffirmax id-delivery notes it-transazzjoni giet ikkancellata. Ix-xhud kompliet tghid illi ghad fadallhom jiehdu l-ammonti li semmiet a fol. 68 u 69 tal-process minghand il-bastiment konvenut.

Illi l-Qorti rat in-nota tal-bastiment intimat dwar ir-raba eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni. Il-bastiment konvenut ghamel referenza ghall-verbal tad-9 ta' Frar 2011 u ippreciza illi ghalkemm f'dak il-verbal kien iddikjara illi qieghed jibbaza ruhu fuq il-preskrizzjoni ta' sentejn, informa lill-Qorti illi qieghed jibbaza din l-eccezzjoni wkoll fuq il-preskrizzjoni ta' sena u nofs u iccita l-artikolu in kwistjoni bhala l-Artikoli 2149 (a) u 2148 (a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti sejra tibda sabiex tittratta u tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi l-bastiment konvenut jikkontendi li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 (preskrizzjoni ta' sentejn) kif ukoll *ai termini* tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 (preskrizzjoni ta' sena u nofs). Il-bastiment konvenut ikkwota l-Artikoli msemmija u ghamel referenza wkoll ghal numru ta' sentenzi fejn il-Qrati taghna laqghu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-istess Artikoli.

Illi l-partijiet ghamlu noti ta' sottomissjonijiet estensivi dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u kkwotaw ukoll gurisprudenza.

Illi l-argument tas-socjeta' attrici fis-sens illi l-eccezzjoni relatata mal-preskrizzjoni m'hijiex sostenibbli mal-eccezzjoni l-ohra li hija relatata mal-*quantum* (u dwar dan l-argument taghmel referenza ghal diversi sentenzi) m'ghandux aktar rilevanza fil-proceduri odjerni u dan *stante* r-rinunzja tal-bastiment konvenut ghall-istess eccezzjoni relatata mal-eccessivita' tal-*quantum*.

Illi, abbazi tal-istess argument, it-tezi tas-socjeta' attrici fis-sens illi tikkontendi li il-kontestazzjoni tal-quantum iggib maghha interruzzjoni u rinunzja tacita tal-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri ma jistax jigi applikat ghall-kaz odjern u ghaldaqstant ma tista' tapplika l-ebda interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni b'mod tacitu. Di piu' il-qorti tikkontendi li anke jekk ghas-sahha tal-argument wiehed kellu jaccetta dan l-argument u jikkontendi li l-bastiment konvenut irrinunzja tacitament ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, sabiex il-qorti tasal ghal tali konkluzjoni, trid necessarjament ikollha c-certezza legali li din kienet l-intenzjoni u r-rieda tad-debitur. Dan qieghed jinghad b'referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Gasanmamo Insurance Agency Limited Noe u Ruggier Oliver** deciza fit-3 ta' Novembru 2004, fejn il-Qorti qalet illi **"*ghar-rinunzja tacita ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-assunzjoni tar-responsabbilita' ma tistax tingibed hlief meta ma jkun jezisti l-ebda dubbju li l-konvenut ried hekk. Dan ghaliex kif pacifikament akkolt f'diversi sentenzi, l-offerti li jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx effikacja li jinterrompu l-preskrizzjoni, jew l-effikacja tar-rikonoxximent tad-dejn ghaliex proposti simili isiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti*"**;

Illi ghalhekk, il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddeciedi jekk, fl-ewwel lok, ghall-kaz odjern hijiex applikabbli l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar jew dik ta' sentejn. Il-Qorti tara illi (u dan b'referenza ghall-gurisprudenza citata fin-

nota ta’ sottomissjonijiet tal-bastiment konvenut), l-Artikolu applikabbli huwa l-Artikolu 2148(a) u cioe’ tapplika il-preskrizzjoni ta’ tmintax –il xahar.

Illi ghalhekk, gialadarba il-qorti hija tal-fehma li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta’ tmintax –il xahar, il-Qorti ser tghaddi sabiex tara jekk l-azzjoni odjerna hijiex preskritta bit-terminu ta’ tmintax –il xahar.

Illi fl-atti tal-kawza odjerna ma jirrizultax illi s-socjeta` attrici pprezentat xi ittra ufficjali kontra l-bastiment konvenut. Gie prezentat mandat ta’ arrest tal-bastiment, liema mandat gie prezentat f’Lulju 2009 u konsegwentement wara li ghaddew is-sena u nofs relattivi. Illi kien jinkombi fuq is-socjeta’ attrici li tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li kien hemm xi forma ta’ interruzzjoni tal-preskrizzjoni relattiva. Gjaladarba ma hemm ebda prova ta’ xi forma ta’ interruzzjoni tal-preskrizzjoni, u gjaladarba wkoll li fuq kollox din il-prova kienet tinkombi fuq l-istess socjeta’ attrici li kellha taccerta ruhha li l-kreditu taghha jkun kawtelat, din il-qorti sejra tilqa’ din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kwantu ghall-ammont pretriz u tiddikjara li l-mertu tal-kawza odjerna huwa preskritt.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa` l-eccezzjoni tal-bastiment konvenut tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tichad it-talbiet attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------